MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 2390/2000/1

**Reġistratur tal-Qrati**

**-vs-**

**Busietta Gardens Madliena Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-2 ta’ Novembru, 2000 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

Illi b’rikors ippreżentat fil-5 ta’ Ottubru, 2000 (dok. “A”), Taha Kuymizakis espona illi bil-mandat ta’ inibizzjoni numru 3151/2000 fl-ismijiet Taha Kuymizakis għan-nom ta’ l-assenti Hamdi Abdul Al-Tulti vs Busietta Gardens Madliena Limited (dok. “B”), il-konvenut ġie inibit b’digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti tat-13 ta’ Settembru, 2000 (dok. “C”), milli jbiegħ, jittrasferixxi jew jiddisponi taħt

kwalunkwe titolu, jew b’xi mod ieħor jikkawża jew jippermetti l-iskrizzjoni ta’ iopoteka jew privileġġ, fuq l-appartament numru “502” (ħames mija u tnejn) li jinsab f’Villa Baguette, Busietta Gardens, f’Tal-Ġbejjel, Madliena, limiti tal-Għargħur;

Illi r-rikorrent espona wkoll illi fit-2 t’Ottubru, 2000, huwa sar jaf illi persuni mhux magħrufa daħlu jokkupaw, bil-kunsens tal-konvenut, l-appartament imsemmi;

Illi r-rikorrent espona illi dan l-aġir da parti ta’ l-intimata jikkostitwixxi disprezz lampanti lejn l-awtorita’ ta’ din l-Onorabbli Qorti fir-rigward ta’ l-ordni minnha mogħti fid-digriet preċitat;

Illi l-istess rikorrent talab illi a tenur ta’ l-artikolu 1003A tal-Kap 12, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna lill-attur Reġistratur tal-Qrati sabiex jibda proċeduri kontra l-konvenut sabiex jiġi ddikjarat illi dan l-aġir jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita’ tal-Qorti u illi konsegwentement il-konvenut irrenda ruħu ħati ta’ disprezz lejn l-istess Qorti u sabiex il-konvenut ikun ikkundannat għal dawk il-pieni kkontemplati mil-liġi minħabba l-istess disprezz;

Illi din l-Onorabbli Qorti, b’digriet tat-18 ta’ Ottubru, 2000 (dok. “D”), laqgħet it-talba tar-rikorrenti u ordnat lill-attur sabiex jibda dawk il-proċeduri kollha neċessarji kontra l-konvenut għal disprezz kontra l-awtorita’ tal-Qorti minħabba l-fatti ndikati fir-rikors preċitat tal-5 ta’ Ottubru, 2000;

Illi minħabba dan kellha ssir din il-kawża.

Jgħid il-konvenut, għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. issibu ħati ta’ disprezz lejn l-awtorita’ tagħha skond l-artikolu 1003A tal-Kap. 12;

2. tikkundannah għall-pieni ndikati mill-liġi relattivi għall-istess disprezz.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li huwa wkoll inġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet ippreżentata fl-14 ta’ Frar, 2001 li permezz tagħha s-soċjeta’ konvenuta eċċepiet:

1. Illi preliminarjament in-nullita’ taċ-ċitazzjoni , *stante* li din ma ġietx preżentata minn waħda mill-persuni ndikata fl-Artikolu 180 tal-Kap. 12.

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, dawn il-proċeduri huma nulli *stante* li ma jistgħux jittieħdu proċeduri ta’ disprezz fil-konfront ta’ kumpannija li għandha personalita’ ġuridika.

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, fil-mertu t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li kif ser jirriżulta mill-provi l-eċċipjenti ma għamlet xejn li jmur kontra l-ordni tal-Qorti mogħtijafl-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 3151/2000.

Bl-ispejjeż kontra l-attur li huwa minn issa nġunt in subizzjoni.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-soċjeta’ konvenuta maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-10 ta’ Diċembru 2007 li permezz tagħha l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Rat in-nota ta’ l-osservazzjonijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur qed jitlob li l-konvenuti jiġu kkundannati għal disprezz lejn l-awtorita tagħha wara li allegatament injorat u ma obdietx l-ordni tagħha kontenuta fil-mandat ta’ inibizzjoni numru 3151 tas-sena 2000 meta komplew

iħallu persuni jokkupaw il-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni *nonostante* li l-mandat imsemmi kien jipprojbihom li jittrasferixxu l-istess fond.

Il-Qorti se tażamina l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti waħda wara l-oħra qabel tagħmel il-kostatazzjonijiet tagħha.

Fir-rigward ta' l-ewwel eċċezzjoni l-Qorti tħoss li ma saret ebda prova da parti tas-soċjeta' konvenuta li turi li l-persuna li ppreżentat iċ-ċitazzjoni ma kinitx il-persuna idoneja biex tippreżentaha.

Is-soċjeta' konvenuta qed teċċepixxi wkoll illi bħala tali ma tistax tiġi kkundannata għal disprezz tal-Qorti billi dawn il-proċeduri huma ta' indoli kriminali. Il-Qorti taqbel li kawżi ta' disprezz huma ta' natura aktar kriminali milli ċivili kif anke qalet din il-Qorti fil-kawża Reġistratur tal-Qorti –vs- Anthony Gauci (11 ta' Lulju, 2001) u cioe' illi *jidher ċar li dan il-proċediment huwa ta' indoli kriminali. Il-fatt li l-istess proċediment jiġi introdott b'ċitazzjoni cioe' att li ordinarjament jintuża f'azzjonijiet ċivili ma jneħħi xejn min-natura kriminali. L-istess intqal fil-kawża Catherine Portelli –vs- Joseph Cachia* (28 ta' Jannar, 1991 – Qorti ta' l-Appell).

Madankollu din il-kwistjoni ġiet deċiża diversi drabi minn din il-Qorti fis-sens li *huwa veru li entitajiet legali ma jistgħux min-natura tagħhom ikunu responsabbli għal delitti jew kważi delitti u għalhekk il-kundanna tagħhom trid issir tramite l-persuna li għandu r-responsabbilta' biex taġixxi għan-nom tagħhom. Dan huwa intiż pero' proprju biex tiġi evitata eċċezzjoni f'dan is-sens u dana a skapitu ta' l-individwu li jkun sofra d-danni naxxenti minn dak id-delitt jew kważi delitt ta' responsabbilta' meta wieħed jasal għal kundanna, trid issir distinzjoni bejn dawk il-każijiet fejn il-kundanna trid ta' bilfors tkun personali bħalma hija fil-penali u dawk il-każijiet fejn il-kundanna hija ċivili u fejn l-effetti tagħha mhumiex distinti bl-ebda mod mill-effetti tagħha naxxenti mill-kawżi l-oħra li permezz tagħhom jiġu krejati l-obbligi ċivili. Meta għalhekk dan l-effett ikun identiku u jikkonverti ruħu fi ħlas ta' somma għad-danni m'għandux ikun hemm ebda distinzjoni bejn kundanna*

*għal ħlas ta' danni riżultanti minn kawża ta' obbligu kuntrattwali u dak riżultanti minn responsabbilta' delittwali.* Pace –vs- Attard – (14 ta' Lulju, 1995 – Qorti ta' l-Appell).

Fil-kawża fl-ismijiet Victor Galea – vs- Marin Hili (Prim'Awla – 1 ta' Ottubru, 1996) il-Qorti waslet għall-konklużjoni illi l-persuna għall-finijiet ta' responsabbilta' delittwali tinkludi wkoll soċjeta' kummerċjali – ara Reġistratur tal-Qorti –vs- Silvio Camilleri – (17 ta' Jannar, 2001).

Il-kwistjoni għalhekk hija jekk fattwalment irriżultawx l-allegazzjonijiet ta' l-attur mill-provi. L-unika prova li ressaq l-attur kienet id-depożizzjoni ta' Taha Kumizakis li qal li xi ħadd qallu li l-fond ġie okkupat minn xi ħadd mhux magħruf. Il-Qorti tħoss li dan ma jikkostitwixxix xi prova konvinċenti biex it-talba tiġi akkolta, speċjalment f'każ bħal dan li huwa ta' indoli kważi kriminali u allura l-prova għandha tkun konvinċenti biżżejjed biex ma tħallix dubju fil-ġudikant.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-tielet eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta u tiċħad it-talbiet attriċi. L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------